# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Diċembru 2013

## dwar il-firma, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

(2013/786/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ottubur 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija") permezz tad-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1563/2006 [1].

(2) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija [2], li bħalissa jinsab fis-seħħ, jiskadi fit-30 ta' Diċembru 2013.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja protokoll ġdid li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet tal-Komoros. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fil-5 ta' Lulju 2013.

(4) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea, i l-Protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2014, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

(5) Għalhekk, il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll") huwa awtorizzat soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President huwa awtorizzat biex jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2014, fil-pendenza tat-tlestija tal-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
V. JUKNA

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1563/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros (ĠU L 290, 20.10.2006, p. 6).

[2] Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 3).